**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-69 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 12 ta' Frar 2015 fil-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**69/01 Talba**

**69/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop ġiet skużata.

**69/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 68 u tal-Laqgha Anwali**

**69/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**69/03 Punti mtella' mill-Minuti 68**

**69/03/01** **Para 68/03/01:** L-Avukat tal-Kunsill għandu jinforma lill-Kunsill bid-data tal-laqgħa mal-kuntrattur. Ser inkomplu insegwu.

**69/03/02** **Para 68/03/02:** Reġgħet saret talba lill-WSC biex jingħata l-materjal lill-kuntrattur halli jkun jista jibda x-xoghol sabiex jinbidel il-main tal-ilma fi Triq Fra D. Mfsud Il-Kunsillier Christopher Fenech kien ukoll qed isegwi mal-WSC. Ser inkomplu insegwu.

**69/03/03** **Para 68/03/03:** Il-Kunsill għadu ma kellux risposta minn TM. Rigward it-*traffic humps*, saret talba lill-Kuntrattur sabiex jipprovdi stima però sadanittant ser inkomplu insegwu mad-Dipt. tad-Distretti.

**69/03/04** **Para 68/03/05:** Saret il-laqgħa mal-MAGF fejn ġejna nfurmati li l-extension fiż-żmien ġiet aċċettata u ser jiġu identifikati xogħlijiet oħra biex jiġu wżati l-fondi kollha. L-Agent S.E. ser isegwi li jkollna konferma bil-miktub u meta din tasal johrog il-*Letter of Acceptance* lill-kuntrattur. L-Agent S.E. informa ukoll li qed isegwi l-hrug tal-pagamenti pendenti fuq Gnien il-Ponta mal-*Paying Agency*.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**69/03/05** **Para 68/03/06:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-linja tat-telephone u s-servizz l-*internet* ġew installati fil-post il-ġdid tal-librerija pubblika.

**69/03/06** **Para 68/03/07**: Ġie deċiż li jiġi pproponut appuntament ghall-20 ta' Frar fis-2.30pm biex niltaqgħu mad-Direttur tal-GDP biex tiġi diskussa s-*Searchlight Battery*.

**69/03/07** **Para 68/03/08:** L-Agent S.E. informa li l-*Works Order* lid-Dipt. tad-Distretti biex isiru t-toqob neċessarji għall-arbli tan-Nar tal-Art kienet inbaghtet.

**69/03/08** **Para 68//03/10:** Il-Kunsillier Vincent A Galea spejga li s-suġġeriment kien li jingħaqdu tliet Kunsilli u jorganizzaw attivitajiet konġunti. Ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa fil-Inter-Generational Project però ma joħroġx fondi.

**69/03/09** **Para 68/03/12:** Il-ftehim mal-Green MT ser jiġi estiż b'sena u qedin nistennew id-dokumentazzjoni mehtiega minghand Green MT.

**69/03/10** **Para 68/03/13:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu rega kiteb diversi ittri lil TM rigward il-problema tal-ilma fi Triq San Gwann pero ghadna ma nafux jekk il-Gvern hux ser iwettaq dan il-progett. Ġie unanimament deċiż li ssir talba għal-laqgħa mal-Ministru responsabbli minn TM u l-Works biex jiġu diskussi d-diversi l-problemi u xogholijiet pendenti li ghandu l-Kunsill.

**69/03/11** **Para 68/03/14:** Il-Kunsillieri intalbu jippreżentaw l-artiklu tagħhom ghal-fuljett, kemm jista jkun malajr.

**69/03/12** **Para 68/08/01:** Ġie innutat li ma kienx hemm risposta mid-DLG sabiex jigi impjegat skrivan iehor.

**69/03/13** **Para 68/08/03:** Il-Kunsill gie infurmat li l-laqgħa mal-Pulizija dwar l-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa Imqaddsa ser ssir fid-19 ta' Frar fis-2.30pm.

**69/03/14** **Para 68/08/05:** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tħawwil ta' siġar flimkien mat-tfal tal-iskola ser isir fil-20 ta' Frar 2015. Il-Kunsillier Christopher Fenech għandu jiltaqa' mal-ELC biex isir ix-xogħol preparatorju għal dan it-tħawwil. Rigward il-laqgha ser inkomplu nsegwu.

**69/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**69/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt    Website : www.gharghur.gov.mt

**69/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**69/05/01** 18115016224529 Diversi ilmenti dwar l-ilma li jinġabar fi Triq San Gwann kull meta taghmel ix-xita. Il-Kunsill kontinwament qed isegwi mal-Gvern Centrali sabiex jinbena l-culvert kif kien imwieghed. Wara li l-MEPA harget il-permess sabiex jinbena dan il-culvert il-Gvern qed jghid li ma ghandux fondi. Gie unanimament deciz li inkomplu insegwu u ninsistu li jinbena minnufih dan il-culvert meta ser niltaqghu mal-Ministru J. Mizzi.

**69/05/02** 18115001224530 Diversi lmenti li s-servizz 136 tat-transport pubbliku għal Birkirkara mhux qed ikun regolari jew twaqqaf. Il-Kunsill gie infurmat li diġà ktibna lil TM.

**69/05/03** 18115039224531 Ilmenti li l-bowser tal-WSC kien jiġi ibattal f'*manhole* fi Triq il-Ġnien. Diga saru rapporti kemm lil WSC kif ukoll lill-Pulizija. Ser issir laqgha mal-Inginier tal-WSC dwar dawn l-ilmenti.

**69/05/04** 18115058224533 Talba biex issir *traffic hump* fi Triq in-Naxxar. Gie innutat li diga hemm *traffic hump* f'din it-triq kif ukoll il-Kunsill ha hsieb li t-triq issir one way halli jitnaqqas il-volum tat-traffiku. Gie deciz li nkomplu nsegwu qabel ma nikkonsultaw ma TM.

**69/05/05** 18115009224535 Diversi ilmenti li ta' kull filghaxija fil-Pjazza isir ipparkjar bl-addogg tal-karrozzi u qed jinholoq periklu. Il-Kunsill diga ressaq dan l-ilmenti lill-Pulizija u talab li issir aktar sorveljanza. Il-Kunsill ser jiehu hsieb li jerga jressaq dan l-ilment ghall-attenzjoni tal-Pulizija fil-laqgha li ser issir dalwaqt mal-Ispettur tad-Distrett.

**69/06** ***Korrispondenza***

**69/06/01** Ġiet innutata Memo 4/2015 rigward Kumitat tal-Finanzi fil-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li dan il-Kumitat jitwaqqaf mill-Kunsill il-ġdid.

**69/06/02** Ġiet innutata ċirkolari AGL 4/2015 rigward Konferenza *Energy Efficiency Capacity Building* fit-12 ta' Frar 2015.

**69/06/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-LGA rigward Assikurazzjoni tal-Flus.

**69/06/04** Ġiet diskussa Ċirkolari AGL 7/2015 rigward *Group Health Insurance*. Ġie deċiż li ssir din il-polza.

**69/06/05** Ġiet innutata l-approvazzjoni tal-DLG tal-*Appraisal Report u l-Performance Bonus tal-*Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**69/06/06** Il-Kunsill innota laqgħa tat-tribunal ta' reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għall-applikazzjoni 03919/09.

**69/06/07** Kien hemm diskussjoni rigward talba mid-Dipartiment tad-Dwana biex jagħmlu użu mill-Uffiċċju tal-Kunsill biex jitqassmu bolol tad-dazju u tas-sisa fuq l-inbejjed. Ġiet aċċettata din it-talba.

**69/06/08** Ġew innutati korrispondenza mill-MEPA.

**69/06/09** Ġie innutat seminar-*Local Development Strategy* għad-19 ta' Frar 2015.

**69/06/10** Rigward Ċirkolari AGL 5/2015, ġie deċiż li jitħallsu €20 lill-*Performing Rights Society Limited.*

**68/07 Materji oħra u mistoqsijiet**

**69/07/01** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li t-tabella tat-Triq Katerina Sammut kienet twaħħlet. Hu informa ukoll li kien inxtara *boiler* peress dak li kellna kellhu l-hsara u ma setghax jitranġa. Il-Kunsill unanimament approva dan.

**69/07/02** Ġie diskuss il-*Performance Appraisal Report* tal ex-skrivana tal-Kunsill. Ġie unanimament deċiż li din tingħata 3% *Performance Bonus* għas-sena 2014.

**69/07/03** Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li resident kien issuġġerixxa li jitwaħħal *dog bin* fi Triq Mons Luigi Catania kantuniera ma’ Triq Ferdinand. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment peress li dan il-bin aktarx ikun ta’ inkonvenjent ghar-residenti fejn ser jitwahhal. Ma kienx hemm qbil fuq dan. Hu ppropona wkoll li tinxtara *shredder* tal-karti għall-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament qabel li din tinxtara.

**69/07/04** Ġiet diskussa l-kwotazzjoni għal-tabelli li jixghelu ghaz-*zebra crossing* ta’ Triq San Bartilmew. Ġie deċiż li tinkiseb aktar informazzjoni minghand l-kuntrattur qabel tittiehed decizjoni.

**69/08 Aġġornament**

**68/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.35 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 24 ta’ Frar 2015 fil-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | **24 ta’ Frar 2015.** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | |